

32005R1555

24.9.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 249/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1555/2005**ta' l-20 ta' Settembru 2005****li jneħħi l-kwota tariffarja għall-importazzjonijiet tal-kafè solubbli taħt il-kodiċi NM 2101 11 11**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Sar tiġib notevoli fid-diversità ta' kafè solubbli disponibbli fis-suq Komunitarju mill-2002 'il hawn.
- (2) Ladarba issa intlaħaq l-għan tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2165/2001 tal-5 ta' Novembru 2001 li jiftaħ u jipprova għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwota għall-importazzjoni ta' kafè li jinħall kopert bil-kodiċi NM 2101 11 11 ⁽¹⁾, ma għadhomx japplikaw il-kondizzjonijiet għaż-żamma ta' kwota tariffarja ta' dazju-zero għall-kafè solubbli wara l-1 ta' Jannar 2006.
- (3) Fid-dawl tal-ħtiġijiet attwali tas-suq Komunitarju, il-kwota tariffarja għall-importazzjonijiet ta' kafè solubbli kopert mill-kodiċi NM 2101 11 11 għandha tingħalaq b'effett mill-1 ta' Jannar 2006. Ir-Regolament (KE) Nru 2165/2001 għandu jitħassar b'effett minn din l-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwota tariffarja ta' dazju-zero stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2165/2001 għall-importazzjonijiet ta' kafè solubbli kopert mill-kodiċi NC 2101 11 11 għandha tagħlaq fl-1 ta' Jannar 2006.

Mill-1 ta' Jannar 2006, l-importazzjonijiet ta' kafè solubbli kopert mill-kodiċi NC 2101 11 11 li joriġinaw fi kwalunkwe pajjiżi ma għandhomx jibqgħu ammissibbli iżjed għal kwota tariffarja ta' dazju-zero.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2165/2001 huwa b'dan imħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2006.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-20 ta' Settembru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BECKETT

⁽¹⁾ ĠU L 292, 9.11.2001, p. 1.